MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Numru 1060/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Herbert Zammit Cordina**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Herbert Zammit Cordina ta' 19-il sena, bin Stephen Carmel u Maria Dolores nee Muscat, imwieled tal-Pieta' fis-16 ta' Marzu, 1987 u li joqgħod fil-fond Numru 22A Triq l-Għajn Dingli detentur tal-karta tal-identita' Numru 194787 (M)

Akkużat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Awissu 2005 f'Buġibba, kkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 148 għad-dannu ta' Hadrian John Borg minn San Pawl il-Baħar, liema serq hu

aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa;
2. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkaguna ħsara volonarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 148 għad-dannu ta' Hardian John Borg minn San Pawl il-Baħar, liema ħsara teccedi il-LM50;
3. Fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Lulju 2005 u 6 ta' Awissu 2005 fil-Mosta, kkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-ħaġa misruqa;
4. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkaguna ħsara volonarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 80 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema ħsara teccedi il-LM50;
5. U iktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi kkommetta serq ta' pjanci tar-registrazzjoni bin-numru FAU 062 minn fuq mutur tal-marka Yamaha 80 għad-dannu ta' Anton Farrugia mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, hin u xorta tal-ħaġa misruqa;
6. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblia, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal pjanci tar-reġistrazzjoni foloz bin-numru FAU 062 fuq mutur different ital-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAU 148
7. U iktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal n-numru tar-reġistrazzjoni FAU 062 fuq mutur differenti tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAU 148
11. fil-lejl ta' bejn it-30 u 31 ta' Awissu 2005 f'Ħaż-Żebbuġ kkommetta serq ta' mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578 għad-dannu ta' Godwin Zammit minn Ħaż-Żebbug, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa;

12. U talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, kkaġuna ħsara volontarja fuq l-imsemmi mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578 għad-dannu ta' Godwin Zammit minn Ħaż-Żebbuġ, liema ħsara teccedi il-LM50;
13. U talli mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbas, neħħa, biddel jew għamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe fuq mutur tal-marka Yamaha 175 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAP 578;

19. bejn it-29 u 30 ta' Awissu 2005 f'Bugibba u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer saq vettura tal-marka Peugoet bin-numru tar-regisrazzjoni LAA 341 minghajar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'heklk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;
20. U talli fis-7 ta' Settembru 2005 u fil-jiem ta' qabel fir-Rabat Malta u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer saq mutur tal-marka Yamaha DT bin-numru tar-registrazzjoni Q-6046 li hu mutur skrappjat, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Aworita' Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.
23. bejn l-14 ta' Awwissu 2005 u s-7 ta' Settembru 2005 f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħihom jew imexxiehom;
24. U talli: malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tieghu kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk sar jaf.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 1947 tal-1987, il-fedina penali tal-imputat (fol 15), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 17), u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji , l-istqarrija tal-imputat a fol 37 et sequitur, u r-ritratti esibiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li filp-konfront ta' Herbert Zammit Cordina, l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni tar-reat kontinwat, u l-imputazzjonijiet 11, 12, u 13 u qed iżżomm fermi l-imputazzjonijiet 1, 2, 19, 20, 23 u 24. Għalhekk irtirat ukoll (ara verbal a fol 104) l-imputazzjonijiet 3, 4, 5, 6, u 7 għaliex dawn l-imputazzjonijiet ma ssemmewx fil-lista ta' dawk li żammet fermi.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Frar 2010, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Għaldaqstant, dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f), 28A, 28H, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 271(g), 280(2), 325(1)(b), 334(a) u 334A tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1)(3)(a) tal-Kap 104 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imptuazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, qed tilliberah mid-dsatax u mill-għoxrin imputazzjoni safejn dawn huma kolpiti bil-preskrizzjoni speċjali tal-Kap 104 dwar in-nuqqas ta' kopertura bl-assigurazzjoni iżda qed issibu ħati tad-dsatax u tal-għoxrin imputazzjoni safejn dawn jirreferu għal sewqan bla liċenzja[1] u mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet, tar-raba', tal-ħames, tas-sitta, tas-seba', il-ħdax, it-tnax, it-tlettax l-imputazzjoni għaliex dawn kienu rtirati mill-Prosekuzzjoni

[1] Fil-Kap 65 m'hemmx l-istess terminu ta' preskrizzjoni kontemplat fil-Kap 104; It-talba għall-iskwalifika mis-sewqan taħt il-Kap 65 trid issir mill-Prosekuzzjoni.

waqt li mhix tieħu konjizzjoni wkoll tal-imputazzjonijiet 23 u 24 għaliex dawn huma alternattivi għall-ewwel u għat-tieni imputazzjoni u qed tikkundanna lill-imputat għal sittax-il xahar priġunerija li għandhom ikunu sospiżi għal sentejn jekk l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor matul dwn is-sentejn kif ukoll għall-ħlas ta' multa komplessiva għar-reati kontemplati fl-imputazzjonijiet 19 u 20 ta' €350 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

L-imputat huwa marbut ukoll sabiex fi żmien sitt xhur mil-lumm iħallas id-danni kollha lil persuna lit kun batiethom u dan ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9 u dwar x'konsegwenzi jista' jkun hemm jekk l-imputat iwettaq xi reat matul dawn il-perjodu msemmi.

l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-mutur Q – 6046, Yamaha 125 favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------